6 ta' Frar, 1950

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Victor Trapani ne. *versus* Oscar Pace Feraud**

## Rekwiżizzjoni — "Housing Commissioner" — "Fair Rent" — Att II 'a' l-1949.

***Il-Housing Commissioner għandu dritt jirrekwiżizzjona kull post, sija jekk dan ikun lok ta' abitazzjoni kemm jekk ikun adibit għal skopi kummerċjali; u l-operat tiegħu huwa insindakabili mill-Qrati sakemm ir-"requisition order" tkun mahruġa fil-forma li trid il-liġi.***

***Jekk qabel ir-rekwiżizzjoni l-fond kien mikri għal skopi kummerċjali u mill-Housing Commissioner jiġi assenjat għall-abitazzjoni, il-kera xieraq trid tiġi kalkulata fuq din il-bażi, jiġifieri bħala post ta' abitazzjoni.***

Il-Qorti; — Rat ir-rikors no. 718 tal-1949 quddiem il-Board li jirregola l-Kera;

*Omissis.*

Rat l-Ordinanza nru. XVI ta' l-1944 u l-Att II ta' l-1949;

Rat id-deċiżjoni tal-Board tas-27 ta' Lulju 1949, fejn stabbilixxa l-kera għal £66 fis-sena mill-15 ta' Ottubru 1948, riparazzjonijiet interni ordinarji għar-rikorrent; wara li l-Board ikkunsidra;

Illi l-iskop tat-talba huwa l-fissazzjoni tal-kera xieraq, u r-rapport bejn is-sid u l-kerrej tiegħu huma materja estranea għall-iskop tat-talba. In-natura tal-fond qabel ġie "requisitioned" ma tinfiċjax it-talba; illi mir-rapport tal-membri teknici tal-Board anness ma' dik id-deċiżjoni jirriżulta li l-kera xieraq huwa ta' £66 bħala dar ta' l-abitazzjoni, mingħajr preġudizzju tar-rapporti interni bejn is-sid u l-kerrej, li jistgħu joħorġu mill-kuntratt tal-lokazzjoni stipulata bejniethom;

Rat ir-rikors ta' l-intimat fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens li tiġi revokata fejn laqgħet it-talba u ffissat il-kera xieraq għal £66 bħala dar ta' l-abitazzjoni, u tiġi konfermata fejn ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mir-ri-

korrenti, u jiġi minflok deċiż għaċ-ċaħda tat-talba, jew almenu għal-liberazzjoni ta' l-appellant mill-ħarsa tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-motivi ta' l-aggravju li l-appellant jġib 'il-quddiem huma jekk kienx hemm dritt ta' rekwiżizzjoni meta l-fond jiġi espressament lokat għal skopi kummerċjali biss, bħal ma huwa l-fond in kwistjoni; illi l-inkwilin tal-fond ried jissublokah lil ħadd ieħor, imma peress li s-sid oppona ruħu, l-inkwilin talab lil Housing Commissioner biex joħroġ "requisition order", u meta dan ħareġ ikkonsenja l-imfietaħ lil Housing Office; illi però dan ma jbiddelx ir-rapport ġuridiku bejn il-lokatur u l-inkwilin, għax il-kuntratt għadu ma skadiex;

Ikkunsidrat;

Illi l-Housing Commissioner għandu d-dritt li jirrekwiżizzjona kull post, sija jekk dana jkun lok ta' abitazzjoni jew adibit għal skopi kummerċjali. Il-Qorti ma tistax tidħol teżamina x'seta' l-inkwilin Said qal lil Housing Commissioner, għaliex din mhijiex attribuzzjoni tagħha, imma għandha biss tikkonstata l-fatt li kien hemm "a requisition order" mibrug fil-forma li trid il-liġi; il-għaliex l-operat tal-Housing Commissioner ma hux soġġett għas-sindakat tat-tribunali. Jekk, kif jallega l-appellant, l-inkwilin Said ma nfurmax lill-awtorità kompetenti li l-fond kien mikri biss għal skopi kummerċjali u li ż-żmien kontemplat fl-iskrittura kien għadu korrenti, dawn huma kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet interni bejn sid u inkwilin, kif tajjeb irritjena l-Board fis-sentenza li minnha hemm appell;

Illi għalkemm il-fond qabel ir-"requisition" kien mikri għal skop kummerċjali, huwa skond il-liġi li la darba l-post ġie mill-Housing Commissioner assenjat bħala dar ta' abitazzjoni il-kera għandu jiġi kalkolat fuq dina l-bażi;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Board, tirrespinġi l-appell ta' l-intimat u tikkonferma s-sentenza tal-Board, bir-riżerva fl-istess sentenza magħmula. L-ispejjeż jitħallsu mill-intimat appellant